# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 71/2017

Seduta tal-10 ta' Mejju 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Kevin Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Kevin Attard, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 310676(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1) Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilha minn PC 101 u WPC 60, waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lill-imsemmi uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

2) U aktar talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u storbju;

3) U aktar talli ngurja u hedded lil PC 101, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżaw jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4) U aktar talli rrifjuta li jagħti l-partikularitajiet tiegħu lill-Uffiċjal tal-pulizija meta dan talabhomlu waqt il-qadi ta' dmiru.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-13 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Kevin Attard ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u ikkundannatu ħames xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminal gew sospiżi għal zmien sena, kif ukoll ikkundannatu multa ta' €2,000.

.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kevin Attard, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Frar, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi tħassarha, tirrevokha u tannullha u tillibera lill-appellant minn kull akkuża u fin-nuqqas tinfliġġi piena inqas ħarxa.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza ewlenija vventilata mill-appellant iddur madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta din sabitu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u cioe' tar-reat mahsub fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali kif ukoll tal-kontravvenzjonijiet li huma enkapsulati fl-artikoli 338((g)(dd) u (ee). Jishaq illi huwa oggezzjona ghal mod kif il-pulizija aggixxew mat-tfajla tieghu meta waqqfuha fuq suspett li din kienet qed titlajja ghal skopijiet ta' prostituzzjoni meta fil-fatt din kienet qed tistennieh fuq l-ghatba tar-residenza taghhom sakemm huwa kien qed idahhal il-karozza fil-garaxx. Jishaq illi anke meta spiccaw l-ghassa tal-pulizija tal-Imsida, il-pulizija, u specjalment is-Surgent 268, mexa b'mod abbuziv maghhom tant illi t-tfajla tieghu Karen Busuttil, li ukoll

ghaddiet proceduri penali in konnessjoni ma' dan il-kaz, bdiet tallega li dan kien fi stat ta' sokor. Jishaq allura illi huwa ma giex moghti ordni legittima mill-ufficjali tal-pulizija u kwindi kellu kull dritt jirrifjuta li jaderixxi ruhu maghha.

Illi jibda biex jinghad illi:

> **"Ordni legittimu moghti mill-pulizija jew mill-awtorita ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama wara dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l-ordni.**
>
> **Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravenzzjoni kontemplata f'l-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu jigifieri jekk ikun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata.[1]"**

Dan ifisser allura illi ghalkemm l-appellant dehrlu li l-pulizija ma kellhomx raguni legittima 'il ghala kellhom iwaqqfu lit-tfajla tieghu gewwa Ta' Xbiex billi din ma kenitx qed titlajja ghal skopijiet ta' prostituzzjoni u kwindi dawn ma kellhomx ghalfejn jitolbuhom id-dettalji taghhom, madanakollu huwa ma setax jirrifjuta li jobdi tali ordni, izda semmai jekk dehrlu li l-agir tal-pulizija ma kienx wiehed konformi mal-ligi kellu kull dritt illi jipprotesta ruhu kontra dak li fil-fehma tieghu kienet ingustizzja bil-mezzi kollha li taghtih il-ligi u mhux billi jibda ighajjat u ighajjar lill-pulizija li kienu qed jippruvaw jaghmlu xogholhom. Fuq kollox il-pulizija ma avvicinawx lilu izda lit-tfajla tieghu, izda dawn dehrilhom li kellhom iwiegbu ghas-semplici rikjesta mill-pulizija ghad-dettalji taghhom b'ghajjat u storbju tant illi minhabba li inqalghet konfrontazzjoni mal-pulizija tal-Iskwadra ta' Kontra il-Vizzji kellhom jissejjhu l-membri tar-Rapid Intervention Unit.

Illi aktar tard gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Imsida hekk kif issejjah is-surgent Ramon Mifsud Grech, li mieghu jidher illi l-appellant u is-siehba tieghu kellhom xi disgwid ukoll fil-passat, dan dehrlu ukoll li kellu jikkonfronta lill-istess surgent meta gie mitlub inizzel fuq bicca karta id-dettalji tieghu, ghalkemm finalment

---

[1] Appell Kriminali – Il-Pulizija vs Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze – 25/06/1997

huwa obda din l-ordni. Minflok it-tfajla tieghu bdiet takkuza lis-surgent li dan kien fi stat ta' sokor.

Illi dan l-incident sfortunat seta' kollu jigi evitat li kieku kemm l-appellant kif ukoll it-tfajla tieghu ikkoperaw mal-pulizija minnufih meta huma gew avvicinati gewwa Ta' Xbiex u ghaddewlhom id-dettalji personali taghhom u jekk dehrilhom setghu ipprotestaw ghal dak li huma allegaw li kien agir illegali minn naha tal-pulizija bil-procedura moghtija fil-ligi ghaldaqshekk. Izda dan ma ghamluhx u minflok holqu konfrontazzjoni mal-ufficjali tal-pulizija.

Ghaldaqstant din il-Qorti tistqarr li ma tistax issib mottiv wiehed li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u dan anke fir-rigward tal-piena erogata billi din hija wahda ekwa u gusta fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u tinsab fil-parametri mahsuba fil-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

Edwina Grima
Imhallef